

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Reġistri - Kummerċjali, Dwar L-insolvenza U Tal-artijiet](#) > [Reġistri Tal-artijiet Fil-pajjiżi Tal-UE](#) > [Latvia](#)

## Reġistri tal-artijiet fil-pajjiżi tal-UE

Il-kontenut ipprovdut  
minn  
Latvja

Latvja

Din it-taqsimha tipprovdha ħarsa ġenerali lejha ir-Reġistru tal-Artijiet Unifikat Kompjuterizzat tal-Istat Latvjan (Zemesgrāmata) u s-sistema ta' informazzjoni katastali (Kadastrs).

Hemm żewġ reġistri fil-Latvja:

- **Is-sistema ta' informazzjoni katastali** miżmuma mis-Servizz tal-Artijiet tal-Istat (*Valsts zemes dienests*), li tirreġistra u tagħgorna *data* dwar proprjetajiet immobbli, gravami, unitajiet tal-art, bini (strutturi), gruppi ta' bini, partijiet ta' unitajiet tal-art u d-dettalji karatteristiċi tagħhom, kif ukoll dwar is-sidien, id-detenturi, l-utenti u l-kerreġja tagħhom;
- **Ir-Reġistru tal-Artijiet Unifikat Kompjuterizzat tal-Istat** miżmum mir-Reġistru tal-Artijiet tal-Amministrazzjoni tal-Qorti, li jirreġistra *data* dwar id-drittijiet tal-proprjetà rreġistrati mar-Reġistru tal-Artijiet u dwar il-piżijiet tal-proprjetà immobbli.

### Ir-Reġistru tal-Artijiet

### X'joffri r-Reġistru tal-Artijiet Unifikat Kompjuterizzat tal-Istat?

L-Amministrazzjoni tal-Qorti hija l-manigġer u d-detentur tar-[Reġistru tal-Artijiet Unifikat Kompjuterizzat tal-Istat](#).

Il-proprjetajiet immobbli jiddaħħlu fir-Reġistri tal-Artijiet, u d-drittijiet relatati magħhom huma kkorroborati fihom. Ir-Reġistri tal-Artijiet huma disponibbli għall-pubbliku, u l-entrati tagħhom huma pubblikament affidabbli. Ir-Reġistri tal-Artijiet huma taħt il-ġurisdizzjoni tal-qrati distrettwali (tal-belt) (*rajona (pilsētas) tiesas*).

Ir-Reġistru tal-Artijiet Unifikat Kompjuterizzat tal-Istat huwa bażi ta' *data* elettronika li fiha r-Reġistri tal-Artijiet, il-ġurnali ta' korroborazzjoni u l-indiċijiet alfabetiċi jinħażnu fuq bażi fit-tul mingħajr tibdil fil-kontenut tagħhom, b'mod li tiġi żgurata r-rappreżentazzjoni ta' din id-*data* fuq skrin tal-kompjuter u f'kopji stampati tal-kompjuter.

Ir-Reġistru tal-Artijiet Unifikat Kompjuterizzat tal-Istat fih informazzjoni dwar proprjetà immobbli, inkluża informazzjoni dwar:

- is-servitù u l-gravami ta' proprjetà immobbli,
- art maqlugħa,
- is-sidien,
- il-bażi legali għat-titolu,
- notifiki dwar l-insolvenza,
- pretensjonijiet tal-kredituri,
- restrizzjonijiet,
- ħatra ta' werrieta sekondarji u kuntratti ta' wirt,
- drittijiet *in rem* li jxekklu l-proprjetà, u drittijiet ta' rahan.

Ir-Reġistri tal-Artijiet jikkonsistu f'portafolli maqsuma f'erba' partijiet.

L-ewwel parti tintuża biex tiġi rreġistrata informazzjoni dwar:

- il-proprjetà immobbli inkwistjoni,
- is-servitù u l-gravami tal-proprjetà immobbli stabbilita għall-benefiċċju ta' proprjetà,
- il-plottijiet ta' art marbuta mal-proprjetà immobbli,
- l-erja koperta minn proprjetà immobbli u l-art marbuta magħha,
- art maqluġha u ż-żona tagħha,
- emendi għas-servitujiet u l-gravami mdaħħla fl-ewwel parti u t-tfassir tagħhom.

It-tieni parti tintuża biex tiġi rreġistrata informazzjoni dwar

- is-sid tal-proprjetà immobbli,
- il-bażi għad-drittijiet ta' proprjetà u l-ammont li għalih ġiet akkwistata l-proprjetà immobbli, fejn dan huwa pprovdut,
- notifiċi li jggarantixxu pretensjonijiet għal drittijiet ta' proprjetà u rekords ta' dawn id-drittijiet,
- restrizzjonijiet fuq id-disponiment tal-proprjetà immobbli u l-gravami fuqha bi drittijiet *in rem*,
- il-ħatra ta' werrieta sekondarji,
- kuntratti ta' wirt.

It-tielet parti tintuża biex tiġi rreġistrata informazzjoni dwar

- drittijiet *in rem* li huma ta' gravami fuq il-proprjetà immobbli,
- notifiċi li jservu biex jiġu stabbiliti d-drittijiet *in rem* imsemmija hawn fuq.

Ir-raba' parti tintuża biex tiġi rreġistrata informazzjoni dwar

- drittijiet ta' rahan stabbiliti fir-rigward tal-proprjetà immobbli u l-ammont tar-għan,
- notifiċi li jstabbilixxu d-drittijiet ta' rahan imsemmija hawn fuq,
- emendi għal dawn ir-rekords u t-tfassir.

## L-aċċess għar-Reġistru tal-Artijiet Unifikat Kompjuterizzat tal-Istat huwa mingħajr ħlas?

Il-funzjoni ta' tiftix għal proprjetà immobbli rreġistrata fir-Reġistru tal-Artijiet Unifikat Kompjuterizzat tal-Istat hija mingħajr ħlas. Madankollu, hemm imposta ta' EUR 5,00 biex wieħed jara portafoll.

L-imposta għall-abbonament kuntrattwali ta' kull xahar huwa ta' EUR 55,00, u biex wieħed jara portafoll il-ħlas huwa ta' EUR 3,50.

## Kif twettaq tiftix fir-Reġistru tal-Artijiet Unifikat Kompjuterizzat tal-Istat?

Tista' tftitex informazzjoni dwar [proprjetà immobbli rreġistrata](#) fir-Reġistru tal-Artijiet Unifikat Kompjuterizzat tal-Istat:

- bin-numru tal-portafoll,
- bit-titolu tal-proprjetà,
- bin-numru katastali,
- bl-indirizz tal-proprjetà.

Informazzjoni dwar il-proprjetà immobbli hija disponibbli mill-Amministrazzjoni tal-Qorti li żżomm ir-Reġistru tal-Artijiet Unifikat Kompjuterizzat tal-Istat, mill-qrati distrettwali (tal-belt) u fuq l-internet.

L-awtoritajiet nazzjonali u l-uffiċjali li lilhom l-Amministrazzjoni tal-Qorti tipprovdi informazzjoni mill-kotba tar-rekords kompjuterizzati, kawżi dwar proprjetà immobbli u l-indiċi tal-persuni huma stipulati mir-[Regolament tal-Kabinett](#).

## L-Istorja tar-Reġistru tal-Artijiet Unifikat Kompjuterizzat tal-Istat

Perjodu sinifikanti fl-iżvilupp operattiv tar-Reġistri tal-Artijiet kien iċ-ċaqliq miftiehem għar-Reġistru tal-Artijiet

komputerizzat u l-ħolqien tar-Reġistru tal-Artijiet Unifikat Kompjuterizzat tal-Istat. Kien hemm tranżizzjoni gradwali u mmirata lejn Regjistru tal-Artijiet elettroniku modern. Dan seħħ mill-akkwist tal-ewwel kompjuters, li ntużaw bħala tajprafters, sal-ħolqien tas-sistema ta' reġistrazzjoni tal-proprjetà immobbli, il-konverżjoni tal-informazzjoni kollha tar-Reġistru tal-Artijiet minn format stampat għal format elettroniku, u l-unifikazzjoni tal-bażijiet tad-*data* tas-27 Uffiċċju tar-Reġistru tal-Artijiet tal-qorti distrettwali (tal-belt) fil-bażi tad-*data* tar-Reġistru tal-Artijiet tal-Istat Unifikat, li hija l-unika waħda li fiha informazzjoni rikonossuta legalment.

Fir-rigward tal-proċess ta' kompjuterizzazzjoni, is-sena 1998 kienet sinifikanti, b' emendi li rriżultaw fiż-żieda ta' kapitoli għdid dwar ir-“Reġistru tal-Artijiet Kompjuterizzat” mal-[Liġi dwar ir-Reġistru tal-Artijiet](#). Wara dawn il-bidliet, kien meħtieġ ammont sostanzjali ta' xogħol sakemm, fl-ewwel nofs tal-2001, l-uffiċċji tal-fergħat kollha kienu ġew inkorporati gradwalment fir-Reġistru tal-Artijiet Unifikat Kompjuterizzat tal-Istat. B' mod parallel għall-introduzzjoni tas-sistema ta' reġistrazzjoni tar-Reġistru tal-Artijiet, saret ħidma biex jiġi żviluppat it-tixrid u jittejjeb is-sit web.

Ir-reġistru tal-Artijiet Kompjuterizzat jinżamm bl-objettiv li r-Reġistru tal-Artijiet kollu jinħażen f'bażi ta' *data* ċentrali unika, magħrufa skont il-liġi bħala r-Reġistru tal-Artijiet Unifikat Kompjuterizzat tal-Istat. Id-*data* li tinsab f' din il-bażi tad-*data* unifikata biss għandha forza legali, u l-persunal tal-Uffiċċji tar-Reġistru tal-Artijiet biss għandu aċċess għal din id-*data*. Il-prinċipji li bihom huma organizzati r-Reġistri tal-Artijiet baqgħu l-istess matul il-kompjuterizzazzjoni — il-ġurisdizzjoni territorjali nżammet u, bħal qabel, l-Uffiċċji tar-Reġistru tal-Artijiet jaċċettaw talbiet biex idaħħlu rekords u jadottaw deċiżjonijiet dwar ir-reġistrazzjoni tal-proprjetà u dwar ir-reġistrazzjoni tad-drittijiet tal-proprjetà relatati fir-Reġistru tal-Artijiet.

Id-*data* tat-tnedija tar-Reġistru tal-Artijiet Kompjuterizzat kienet l-5 ta' Lulju 2001. Kien f'dan il-jum li r-Reġistru tal-Artijiet Unifikat Kompjuterizzat tal-Istat beda jopera u s-sit web <https://www.zemesgramata.lv/> kien disponibbli għall-pubbliku ġenerali. Is-sit web jagħti aċċess għal informazzjoni dwar l-istatistika tal-Uffiċċji tar-Reġistru tal-Artijiet, l-aħbarijiet u l-pubblikazzjonijiet dwar ix-xogħol tar-Reġistru tal-Artijiet, il-ħinijiet tal-ftuħ u l-indirizzi tal-Uffiċċji, it-tariffi, l-aktar dokumenti importanti meħtieġa meta wieħed iżur l-Uffiċċju tar-Reġistru tal-Artijiet, u l-aktar importanti, informazzjoni dwar kull proprjetà mdaħħla fir-Reġistru tal-Artijiet, is-sid tagħha, piżijiet u ipoteki.

L-amministrazzjoni tal-Qorti ilha kompletament responsabbli għall-manutenzjoni organizzattiva u teknika tar-Reġistru tal-Artijiet Unifikat Kompjuterizzat tal-Istat mill-1 ta' April 2004.

Mill-2022, l-għadd ta' portafolli ta' proprjetà immobbli miftuħa fir-Reġistri tal-Artijiet kien ta' aktar minn 1.3 miljun. Fl-2021 kien hemm medja ta' 216 000 talba elettronika għal aċċess għall-bażi tad-*data* tar-Reġistru tal-Artijiet Unifikat Kompjuterizzat tal-Istat kull xahar.

## Is-sistema ta' informazzjoni katastali

### X'toffri s-sistema ta' informazzjoni katastali Latvjana?

Is-sistema ta' informazzjoni katastali hija sistema kontabilistika unifikata li tipprovdi, iżżomm u tapplika *data* testwali u ġeografika uffiċjali aġġornata dwar proprjetajiet immobbli li jinsabu fir-Repubblika tal-Latvja, il-komponenti katastali kostitwenti tagħhom – unitajiet tal-art, bini (strutturi), gruppi ta' bini, partijiet ta' unitajiet tal-art u d-dettalji karatteristiċi tagħhom, kif ukoll dwar il-proprjetarji, id-detenturi, l-utenti u l-kerrejja tagħhom.

Huwa miżmum mis-[Servizz Statali tal-Artijiet](#).

Il-proprjetà fil-Latvja hija magħmula mill-erba' tipi li ġejjin:

- proprjetà immobbli komposta minn art;
- proprjetà immobbli magħmula minn art u strutturi;
- proprjetà immobbli magħmula biss minn struttura;
- appartamenti, magħmula minn gruppi ta' bini u partijiet nozzjonali tal-bini u tal-art.

Bħala kategorija ta' proprjetà immobbli, l-art tkopri proprjetà immobbli fl-aktar sens wiesa', jiġifieri art flimkien mal-istrutturi li jappartjenu lilhom, kif ukoll proprjetà li tikkonsisti biss f'art mhux żviluppata. Proprjetà fil-forma ta' struttura hija proprjetà immobbli li tinkorpora biss struttura li tinsab fuq art li tappartjeni lil sid differenti. Proprjetà fil-forma ta' appartement f' bini li jikkonsisti f' numru ta' abitazzjonijiet li jappartjenu lil diversi sidien hija

I-proprjetà ta' kull sid individwalment, flimkien ma' parti nozzjonali tal-proprjetà komuni rispettiva.

L-informazzjoni katastali tikkonsisti fi:

- *data* testwali - informazzjoni dwar proprjetajiet immobbli, unitajiet ta' art, bini (strutturi), gruppi ta' bini, partijiet ta' unitajiet tal-art u d-dettalji karatteristiċi tagħhom, kif ukoll dwar is-sid, id-detentur, l-utent u l-kerrej tagħhom;
- *data* ġeografika - mappa katastali u *data* ġeografika għal sħarriġ katastali ta' komponent katastali.
- mappa katastali - fil-Latvja nħolqot bħala mappa ta' ħarsa ġenerali diġitali, bl-użu ta' *data* diġitali f'forma ta' vettur miksuba mill-istħarriġ katastali tal-proprjetà immobbli. Dan ikopri t-territorju kollu tar-Repubblika tal-Latvja u jservi bħala ħarsa ġenerali lejn il-pożizzjoni relattiva tal-oġġetti murija fit-territorju. Il-grilja ta' koordinati b'angolu ta' lemin tal-mappa katastali tikkorrispondi mas-sistema ta' koordinati ġeodeżika Latvjana LKS-92 TM (1992). Il-mappa katastali tinżamm b'mod preċiż li tikkorrispondi mad-*data* tal-istħarriġ katastali. Id-*data* tal-mappa katastali tinħażen fis-sistema tal-fajls.

Dan jindika d-deżinjazzjoni katastali tal-komponent katastali u juri d-*data* ġeografika li ġejja:

- il-konfini ta' unità tal-art u parti minnha;
- il-punti ta' konfini ta' unità ta' art u parti minnha;
- il-kontorni esterni tal-istruttura u l-pożizzjoni fuq unità tal-art;
- il-limitu u l-identifikatur taż-żona ta' servitù tat-triq.

Id-*data* katastali tintuża għall-finijiet li ġejjin:

- ir-reġistrazzjoni ta' drittijiet ta' proprjetà immobbli;
- l-istabbiliment ta' tranżazzjonijiet ta' proprjetà immobbli;
- l-użu u l-ippjanar tal-proprjetà immobbli għall-iżvilupp tagħha;
- valwazzjoni katastali;
- l-amministrazzjoni tat-taxxa fuq il-proprjetà immobbli;
- l-iżvilupp ekonomiku nazzjonali, reġjonali u muniċipali u l-ippjanar territorjali;
- operazzjonijiet ta' użu tal-art u pjanijiet ta' protezzjoni ambjentali;
- it-tfhejja ta' informazzjoni statistika nazzjonali;
- it-tfassil tal-valur kontabbli tal-art;
- il-ħolqien u ż-żamma ta' sistemi ta' informazzjoni ġeografika;
- jipprovdu għall-interessi tas-sidien ta' reġistri u sistemi ta' informazzjoni oħrajn;
- objettivi oħra.

## L-aċċess għas-sistema ta' informazzjoni katastali Latvjana huwa mingħajr ħlas?

Il-parti Pubblika u l-Parti Awtorizzata huma disponibbli fuq il-portal tal-SLS għall-pubblikazzjoni tad-*data* u s-servizzi elettroniċi <https://www.kadastrs.lv/>.

Fil-Parti Pubblika, l-informazzjoni li ġejja mis-sistema ta' informazzjoni katastali hija disponibbli mingħajr ħlas għal kwalunkwe parti interessata:

- *Data* testwali
  - Proprjetà immobbli
  - Kompożizzjoni ta' proprjetà immobbli
    - Għan-negozji
    - Unitajiet tal-art
    - Gruppi ta' bini (li juru biss gruppi ta' bini li jappartjenu għal proprjetajiet ta' appartamenti)
- *Data* ġeografika
  - Fuq il-mappa bażi ta' skala 1: 50 000, ikona timmarka pożizzjoni approssimattiva tal-komponent katastali
- *Data* testwali mir-reġistru nazzjonali tal-indirizzi
  - Indirizz
  - Indirizz storiku
- Servizzi elettroniċi

- Applika għal kont ta' entità ġuridika fuq kadastrs.lv;
- Id-*data* tiegħi fil-kataster;
- Mapep tematiċi.

Bbrawżjar aktar dettaljat ta' *data* katastali fil-Parti Pubblika tal-portal SLS għall-pubblikazzjoni tad-*data* u s-servizzi elettroniċi <https://www.kadastrs.lv/> huwa servizz imħallas, filwaqt li l-użu tal-verżjoni awtorizzata jirrikjedi kredenzjali li jistgħu jinkisbu permezz ta' ftehimiet ta' kooperazzjoni mas-SLS. *Data testwali katastali aktar dettaljata*, *data katastali ġeospazjali*, *data ġeospazjali tar-Reġistru tal-Indirizzi Nazżjonali* u *informazzjoni topografika dettaljata ħafna* huma aċċessibbli fil-Parti Awtorizzata.

Fuq il-portal kadastrs.lv, huwa possibbli li taċċessa online d-*data* dwar il-valur katastali storiku tal-proprjetà immobbli, tagħżel u tistampa *data* testwali bażika dwar komponenti katastali u tuża diversi saffi ta' mapep u mapep tematiċi disponibbli maħluqa mis-SLS. Fuq il-portal, huwa possibbli li tapplika għas-servizzi elettroniċi tal-SLS u tagħmel użu mit-taqsim "Il-Kont Tiegħi", jiġifieri timmaniġġja l-ordnijiet kollha fuq il-post u elettroniċi, tħallas il-fatturi u tirċievi materjali tas-servizz mingħajr ma jkollok għalfejn iżżur iċ-ċentru tas-servizzi għall-klijenti personalment.

Servizzi elettroniċi mħallsa fuq il-portal:

- ibbrawżjar ta' siegħa ta' *data* ġeospazjali (mingħajr obbligi kuntrattwali);
- *data* testwali katastali dettaljata (mingħajr obbligi kuntrattwali);
- valur katastali storiku;
- informazzjoni standard dwar il-valur tal-proprjetà immobbli;
- informazzjoni standard dwar il-projbizzjonijiet fuq l-aljenazzjoni rreġistrata għal proprjetà immobbli;
- informazzjoni standard dwar il-valur katastali ta' unità ta' art;
- informazzjoni standard dwar parti minn unità ta' art;
- informazzjoni standard dwar il-valur katastali ta' struttura;
- informazzjoni standard dwar struttura (*data* bażika);
- informazzjoni standard dwar grupp ta' bini;
- aġġornamenti tad-*data* katastali;
- reġistrazzjoni ta' parti minn unità ta' art;
- bidliet fil-kompożizzjoni tal-proprjetà immobbli;
- l-għażla tad-*data*;
- tniżżil ta' *data* ġeospazjali;
- materjal għall-arkivjar;
- applikazzjoni għall-wasla ta' pjanijiet tal-art tal-bini u pjanijiet ta' grupp ta' bini.

Servizzi oħra mħallsa:

- stħarriġ katastali fuq il-post ta' bini u gruppi ta' bini;
- il-kisba ta' *data* dwar id-dettalji karatteristiċi tal-istrutturi u l-gruppi ta' bini mingħajr stħarriġ fuq il-post;
- id-determinazzjoni tal-obsolexxenza ta' struttura jew oġġett tal-inġinerija ċivili.
- ir-reġistrazzjoni ta' *data* dwar komponent katastali ġdid, jew ir-rifjut tiegħu;
- l-aġġornament tad-*data* dwar komponent katastali, jew ir-rifjut tiegħu;
- it-tħassir ta' *data* ta' komponent katastali;
- il-forniment ta' volum standardizzat u t-tip ta' *data* mis-sistema ta' informazzjoni katastali;
- il-forniment ta' volum mhux standardizzat u t-tip ta' *data* mis-sistema ta' informazzjoni katastali;
- informazzjoni katastali standard;
- l-għoti ta' informazzjoni mir-reġistru nazżjonali tal-indirizzi;
- l-għoti ta' informazzjoni mid-database ċentrali ta' informazzjoni topografika dettaljata ħafna;
- l-għoti ta' informazzjoni mis-Sistema ta' Informazzjoni tat-Territorji Kbarkati;
- l-għoti ta' informazzjoni mill-arkivji tal-SLS;
- kalkolu tal-valur katastali tal-komponenti katastali;
- determinazzjoni ta' valuri speċjali;
- it-teħid ta' deċiżjonijiet fil-qafas tar-riforma tal-art fil-każijiet previsti fil-leġiżlazzjoni;
- l-għoti ta' opinjoni fil-każijiet previsti mil-leġiżlazzjoni;
- tfassil ta' ċertifikati u dikjarazzjonijiet.

## Kif tfitte fis-sistema ta' informazzjoni katastali Latvjana?

Is-sistema ta' informazzjoni katastali tista' tintuża biex jinstabu proprjetà, unitajiet tal-art, strutturi u gruppi ta' bini. Aktar informazzjoni dwar l-użu tal-funzjoni tat-tiftix hija disponibbli [hawnhekk](#).

### L-applikazzjoni mobbli Kadastrs.lv

Informazzjoni dwar kwalunkwe proprjetà immobbli, unità ta' art, struttura jew appartement tista' tinkiseb permezz tal-applikazzjoni mobbli; fittex indirizz eżistenti jew ta' qabel; lbrawżja data kadastrali u testwali bla ħlas, uża servizzi elettroniċi biex taċċessa aktar *data* meta tħallas.

Minbarra li tibrawżja l-informazzjoni katastali, l-applikazzjoni tippermetti lill-utenti jilloggjaw u jaċċessaw iċ-ċentru ta' servizz virtwali għall-klijenti permezz ta' "Il-Kont Tiegħi", jibrawżjaw il-proprjetajiet proprji, kif ukoll jissejvjaw, jibagħtu u jikkondividu l-fajls PDF riċevuti fis-servizzi pprovduti. Dan jippermetti wkoll lill-utenti jiddeterminaw il-post tagħhom u jibrawżjaw fid-dettalji katastali u tal-indirizzi tagħhom.

L-applikazzjoni mobbli hija disponibbli mingħajr ħlas fuq apparati intelliġenti b'sistemi operattivi [Android](#), [Windows Phone](#) u [iOS](#).

### L-istorja tas-sistema ta' informazzjoni katastali Latvjana

L-istorja reċenti tas-sistemi ta' informazzjoni katastali tal-Latvja tmur lura għall-1992, wara r-restawr tal-indipendenza tal-Latvja fl-1992, flimkien mar-riforma tal-art u t-tranżizzjoni għal ekonomija tas-suq. Id-drittijiet tal-individwi li jippossjedu l-art ġew restawrati uffiċjalment fl-1993. Is-sistema ta' informazzjoni katastali Latvjana ġiet miżjuda f'diversi stadji. Fl-ewwel erba' snin tiegħu ġew irreġistrati biss unitajiet tal-art, azjendi tal-art u użu tal-art, mill-1996 id-*data* dwar l-istrutturi wkoll bdiet tiġi rreġistrata u, mill-2000, bdiet ir-reġistrazzjoni tal-appartamenti.

Il-kontenut tas-sistema ta' informazzjoni katastali Latvjana żdied gradwalment: Jekk kienu biss l-unitajiet tal-art, l-azjendi tal-art u l-użu tal-art li ġew irreġistrati fl-ewwel erba' snin wara l-istabbiliment mill-ġdid tagħhom fil-bidu tas-snin 1990, id-*data* dwar l-istrutturi bdiet ukoll tiġi rreġistrata fl-1996 u mill-2000 bdiet ir-reġistrazzjoni fuq skala sħiħa tal-appartamenti.

100 % tat-territorju nazzjonali huwa rreġistrat fis-sistema ta' informazzjoni katastali u r-reġistrazzjonijiet huma ġestiti f'forma diġitali.

---

■ L-aħħar aġġornament: 18/12/2023

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċetta responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.